



0076/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal responsabbli mit-tindif tal-lukandi fl-Unjoni Ewropea

Tania González Peñas (GUE/NGL), Enrique Calvet Chambon (ALDE), Brando Benifei (S&D), Thomas Händel (GUE/NGL), Siôn Simon (S&D), Laura Agea (EFDD), Jean Lambert (Verts/ALE), Kostadinka Kuneva (GUE/NGL), Ernest Urtasun (Verts/ALE), Merja Kyllönen (GUE/NGL), Eleonora Forenza (GUE/NGL)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal responsabbli mit-tindif tal-lukandi fl-Unjoni Ewropea¹

1. Il-persunal responsabbli mit-tindif tal-lukandi huwa responsabbli għat-tindif ġenerali u l-pulitizza tal-kmamar. Is-settur tat-tindif tal-lukandi fil-biċċa l-kbira huwa xogħol esternalizzat, fejn il-karigi jimtlew kważi esklużivament min-nisa. Il-kumpens għal dan ix-xogħol jista' jkun baxx, minkejja li huwa fiżikament eżiġenti. It-taħriġ, meta dan ikun disponibbli, ikun ta' kwalità baxxa u dan, flimkien mal-għadd relattivament żgħir ta' dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza, iwassal għal numru għoli ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol.
2. L-Artikoli 30 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u d-Direttiva 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ("Direttiva Qafas") jirrikonoxxu d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema.
3. Il-Kummissjoni mitluba tissorvelja u tivvaluta s-sitwazzjoni ta' dawn il-ħaddiema fi ħdan l-UE u twestaq studju sabiex tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-persunal responsabbli mit-tindif tal-lukandi fl-Istati Membri.
4. Il-Kummissjoni mitluba tipprovdi inċentivi lil-lukandi biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-lukandi permezz tal-introduzzjoni ta' skema ta' klassifikazzjoni pan-Ewropea li se tipprovdi informazzjoni dwar il-livell tal-kundizzjonijiet tax-xogħol flimkien mal-kwalità tas-servizz u l-indafa.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, din għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.